**13 ta' Ottubru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

David Smith

*versus*

Segretarju tad-Djar u Kummissarju tal-Pulizija

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Trattament Inuman jew Degredanti – Proprjetà – Pussess – Leġittimu – Żgumbrament – Ordni ta' Rekwisizzjoni – Segretarju tad-Djar**

*Ir-rikorrent kien ġie żgumbrat mill-intimat minn dar li kien okkupa illegalment. Ir-rikorrent allega li b'hekk huwa ġie assoġġettat għal trattament inuman jew degradanti u li ġie pprivat mid-dritt tiegħu għall-proprjetà. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ir-rikorrent ma kienx il-leġittimu possessur tal-fond in kwistjoni. Hu kien okkupa l-fond illegalment u klandestinament, għalhekk ma setax jilmenta mill-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' David Smith ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla li bih ippremetta:

Illi huwa jikri mingħand il-Gvern il-fond Home 7, Block V, *St. George's Housing Project,* San Ġiljan bil-kera ta' Lm103.50,0 fis-sena, jitħallas bil-quddiem, li tħallset l-ewwel rata tagħha fit-8 ta' Marzu, 1987, it-tieni rata fil-25 ta' Settembru 1987, u t-tielet rata fil-11 ta' Jannar 1988 (Dok. A u B) b'dan illi għandu l-kera mħallsa sa' l-aħħar ta' Ġunju, 1988;

Illi fit-22 ta' April 1988 ir-rikorrent ġie sforzat joħroġ 'il barra mill-fond imsemmi mill-Pulizija fuq ordni tas-Segretarju tad-Djar, mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni;

Illi r-rikorrent u l-familja tiegħu ma għandhomx post alternattiv adegwat ta' l-abitazzjoni u lanqas ġew offruti wieħed;

Illi l-aġir abbusiv ta' l-intimati s-Segretarju tad-Djar u l-Kummissarju tal-Pulizija kommess fit-22 ta' April, 1988 jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrent u d-drittijiet fundamentali tiegħu protetti bl-Att XIV ta' l-1987, billi jammonta għal trattament inuman jew degradanti tar-rikorrent u tal-membri tal-familja tiegħu, għal privazzjoni bla kumpens tad-dritt tar-rikorrent għall-pussess u l-inkwilin tal-fond imsemmi u mid-dritt għat-tgawdija paċifiku tal-possediment ta' l-istess inkwilinat, u għal leżjoni mill-intimati tad-dritt tar-rispett tad-dar tar-rikorrent u l-membri tal-familja tiegħu;

*U talab li din il-Qorti* tiddikjara li, bl-iżgumbrament sfurzat da parti tas-Segretarju tad-Djar u l-Kummissarju tal-Pulizija mill-fond Home 7, *Block* V, *St George's Housing Project*, San Ġiljan, fit-22 *ta'* April, *1988*, *ir-rikorrent:*

(a) ġie assoġġettat, flimkien mal-membri tal-familja tiegħu, għal trattament inuman jew degradanti, bi ksur ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u ta' l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda *ta'* l-Att *ta'* l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;

(b) ġie spossessat mid-dritt tiegħu ta' inkwilinat tal-fond imsemmi b'mod obbligatorju u mhux in forza ta' *xi* disposizzjoni ta' liġi applikabbli għat-teħid tal-pussess, bi ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u ġie pprivat mid-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possediment tiegħu ta' l-inkwilinat tal-fond imsemmi, bi ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali; u

(ċ) ġie assoġġettat għad-dħul mill-intimati fl-abitazzjoni msemmija tiegħu, bi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u ġie pprivat mid-dritt għar-rispett ta' daru bi ksur ta' l-artikolu 8 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u talab ukoll li din il-Qorti tagħtih rimedju għall-ksur tad-disposizzjonijiet imsemmija, billi tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tassigura li titwettaq favur ir-rikorrent kull waħda mid-disposizzjonijiet imsemmija li għall-protezzjoni tagħhom ir-rikorrent huwa intitolat;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tas-Segretarju tad-Djar u tal-Kummissarju tal-Pulizija li ssottomettew:

Illi l-aġir tagħhom kien dejjem skond il-Liġi u ma jmurx kontra ebda provvediment tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Konvenzjoni Ewropeja jew xi Liġi oħra;

U illi r-rikorrent daħal illegalment fil-fond Home 7, Block V, *St George's Housing Project*, San Ġiljan u l-istess fond mhux il-"*home*"tiegħu (*Vide* App. Kostituzzjonali Edward Ferro *vs Housing Secretary* deċiż fid-19 ta' Ġunju, 1973);

Rat l-atti l-oħrajn, kompriżi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Lulju 1989 li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tar-Rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu b'riżerva ta' kull azzjoni spettanti lilu *si et quatenus* u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Ikkunsidrat illi:

1. Fi skrittura datata 18 ta' Marzu, 1987 ġie ddikjarat li s-Segretarju tad-Djar f'isem il-Gvern, kien qiegħed jikri lir-rikorrent id-dar imsemmija għall-abitazzjoni b'effett mill-15 ta' Ġunju 1987. Din l-iskrittura ġiet iffirmata mir-rikorrent biss. Ħadd ma ffirmaha għas-Segretarju tad-Djar jew għall-Gvern;

2. Iċ-ċavetta tad-dar ma ġietx mogħtija lir-rikorrent. Dana kellem lill-uffiċjali ta' l-Awtorità tad-Djar biex jikkonsenjawlu din iċ-ċavetta. Dawn l-uffiċjali però qalulu biex il-post jinsih billi

ma kellu ebda kuntratt. Iċ-ċavetta r-rikorrent baqa' ma roddhiex;

3. *Ir-rikorrent kien imur regolarment fejn il-post*, u darba sabu biċ-ċavetta fil-bieb ta' barra. Allura ħa din iċ-ċavetta u għamel kopja tagħha. Fid-19 ta' April 1988 ir-rikorrent daħal fil-post, milli jidher b'din il-kopja taċ-ċavetta;

4. Irriżulta li f'Mejju 1987 id-Dipartiment tad-Djar kien affrontat minn konfużjoni a rigward l-allokazzjonijiet ta' djar. *Instab li kien hemm* "pre-allokazzjonijiet ta' djar li d-Dipartiment ma kellux ċwievet tagħhom, ta' djar lil aktar minn familja waħda, ta' djar ġà okkupati, ta' djar mhux eżistenti, u problemi simili oħrajn. *F'din* is-sitwazzjoni dawk li kienu ġà applikaw għad-dar ġew infurmati biex japplikaw mill-ġdid. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju l-post in kwistjoni ma ġiex allokat lir-rikorrent iżda lil ċertu Gatt. Għalhekk b'ittra datata 20 ta' *April 1988* ir-rikorrent ġie infurmat mis-Segretarju tad-Djar li l-post ma kienx ġie allokat lilu. Din l-ittra li kienet indirizzata lir-rikorrent c/o *Kavala Bar Birkirkara Road*, San Ġiljan, waslitlu fit-23 ta' April, 1988;

5. Fit-22 ta' April 1988 Tony Aquilina, uffiċjal inkarigat biex jikkonsenja d-djar allokati, mar fuq il-post biex jikkonsenja d-dar in kwistjoni lill-imsemmi Gatt. Id-dar sabha okkupata mir-rikorrent li kien daħal, kif intqal, fid-19 ta' April 1988. Ir-rikorrent allura, fit-22 ta' April 1988, stess, ġie żgumbrat mill-fond mis-Segretarju tad-Djar bl-Għajnuna tal-Pulizija;

6. Dan l-iżgumbrament huwa l-bażi ta' l-azzjoni odjerna tar-Rikorrent. Dan però kien daħal fil-fond in kwistjoni abbużivament, kif intqal hawn fuq. Indipendentement minn jekk kellux jew le favur tiegħu l-lokazzjoni tal-fond, il-pusess tiegħu

tal-fond ma kienx leġittimu. Għalhekk it-teħid lilu ta' dak il-pussess ma setax jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali kif pretiż mir-Rikorrent;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, qalet li l-appellant kien daħal fil-fond in kwistjoni abużivament u li apparti l-fatt jekk kellux titolu ta' lokazzjoni jew le, il-pussess li kellu ta' l-imsemmi fond ma kienx leġittimu. Fuq hekk hija kkonkludiet li t-teħid tal-pussess tal-fond lir-Rikorrent, ma setax jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali kif pretiż minnu;

L-appellant jilmenta mill-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti. Fl-ewwel lok huwa jissottometti li l-ewwel Qorti waqt li rrilevat li fl-iskrittura tat-18 ta' Marzu 1987 hemm iddikjarati li l-fond *"de quo"* kien qiegħed jiġi mikri lir-rikorrent, li baqgħet fil-*file* Governattiv, u li kienet ġiet iffirmata minnu biss, però mkien ma semmiet li hu kien effettivament ħallas il-kera tal-fond *"de quo"* sa' l-aħħar ta' Ġunju 1988. Hija llimitat ruħha għall-kwistjoni ta' kif ir-Rikorrent kien kiseb iċ-ċavetta tal-fond. L-istess Rikorrent jissottometti wkoll li b'hekk ġie li l-ewwel Qorti kienet fil-fatt abbraċċjat kunsiderazzjonijiet li, kieku kienu rilevanti għall-azzjoni tar-Rikorrent ma kienx hemm bżonn li jissemmew;

Fit-tieni lok l-appellant jissottometti li l-kwistjoni vera u proprja ssollevata minnu fir-Rikors promotorju huwa fil-fatt li l-Gvern bl-aġir tiegħu kkanċella, b'mod unilaterali u arbitrarju, il-lokazzjoni viġenti bejnu u l-istess Gvern u dan permezz ta'

l-iżgumbrament forzat tat-22 ta' Settembru 1988. Huwa jsostni li l-kontenut ta' l-ittra Dok. S 3 (*fol.* 17) mibgħuta lilu mis-Segretarju tad-djar tikkonferma dan. Barra minn hekk hemm il-fatt ukoll li s-Segretarju tad-djar stess xehed li l-fond "*de quo*" sad-data ta' l-iżgumbrament kien ġà ġie allokat lil ħaddieħor;

*Fit-tielet lok* l-appellant qiegħed jissottometti wkoll li meta l-Ewwel Qorti kienet ikkonkludiet li l-pussess tiegħu ma kienx leġittimu, hija erronejament applikat mozzjonijiet tad-Dritt Ċivili privat fil-kamp Kostituzzjonali. Huwa jsostni li meta l-ewwel Qorti għamlet hekk, hija naqset fil-konfront tiegħu u ċaħditlu d-drittijiet tiegħu naxxenti mill-Kostituzzjoni kif ukoll dawk *ikkontemplati fl-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;*

Ikkunsidrat:

Illi r-Rikorrent qiegħed jallega li l-fond in kwistjoni kien mikri lilu mill-Gvern u li waqt li dan kien fil-pussess tiegħu, huwa kien ġie sfurzatament żgumbrat mill-istess fond mill-intimati. Dan l-aġir *ta'* l-*intimati* kien jammonta a) għal trattament inuman jew degradanti, b) għal privazzjoni bla kumpens tad-dritt tiegħu għall-pussess u nkwilinat tal-fond "*de quo*", ċ) għal privazzjoni bla kumpens tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possediment ta' l-istess inkwilinat u d) għal leżjoni mill-intimati tad-dritt tar-rispett tad-dar tiegħu. Minn dan jidher li *dak li finalment jixtieq minn din il-Qorti huwa li jerġa' jiġi* immess fil-pussess tal-fond in kwistjoni;

Jidher li l-kwistjoni dwar min kellu l-pussess ta' l-imsemmi fond għandha aspett importanti aktar mill-kwistjoni l-oħra jekk il-post kienx fil-fatt ġie lokat lir-Rikorrent mill-Gvern jew le. L-intimati qegħdin jikkontendu li l-fond "*de quo*" ma kien ġie

qatt mikri lir-Rikorrenti u li dan lanqas biss kellu pussess leġittimu tiegħu. Huma jsostnu li l-fond *"de quo"* kien ġie biss "pre allokat".....effettivament ma kinetx ġiet iffirmata mill-*Housing Secretary;*

Jirriżulta wkoll li l-*Housing Department* qatt ma kien ikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond *"de quo"* lir-Rikorrent. Ir-Rikorrent kien akkwista l-istess b'mod abużiv, illegali u klandestinament. Dan il-fatt ma jidhirx li qiegħed jiġi kkontestat mir-Rikorrent. In fatti dan xehed (fol. 23) li għad li huwa kien mar iħallas il-kera, b'dana kollu ċ-ċavetta ma kinetx ġie mogħtija lilu mid-Dipartiment konċernat. Huwa qal ukoll li sa dak in-nhar li kien iffirma l-iskrittura fuq imsemmija u ċjoè sat-18 ta' Marzu 1987, il-post ma kienx għandu bieb ta' barra. Rigward ta' kif ġiet f'idejh iċ-ċavetta in kwistjoni huwa qal li waqt ix-xogħol huwa kien imur regolarment jara l-post u billi sema' mingħand xi ħaddiem li kienu qegħdin imorru jarawh diversi nies, huwa deherlu li kellu jagħmel xi ħaġa biex jikseb iċ-ċavetta. F'okkażjoni minnhom meta kien hemm, ra li kien hemm ċavetta fil-bieb, qalagħha u mmedjatament għamel kopja tagħha;

Ir-Rikorrent ħa l-pussess tal-fond *"de quo"* bil-manjera fuq imsemmija fid-19 ta' April 1988. Fit-22 ta' April 1988, Tony Aquilina uffiċjal tal-*Housing Department* kien mar fuq il-post fejn kien hemm id-dar in kwistjoni biex jikkonsenja dawn id-djar lil min kienu ġew allokati. Dak in-nhar sab li l-fond *"de quo"* li kien ġie allokat lil ċertu Gatt, kien ġà okkupat mir-Rikorrent. Wara d-debiti verifiki u fuq istruzzjonijiet mis-Superjuri tiegħu u bl-għajnuna tal-pulizija l-imsemmi Tony Aquilina żgombra lir-Rikorrent mill-fond in kwistjoni;

Kieku in ipostesi r-Rikorrent kellu lokazzjoni valida tal-post

"*de quo*" iżda ma kellux il-pusess tiegħu, sid il-post (f'dan il-każ il-*Housing Secretary)* kellu l-obbligu li jikkunsinna l-post lir-Rikorrent. (Sec. 1539 Kap. 16). Ir-Rikorrent għalhekk in bażi tal-pretenzjoni tiegħu (il-lokazzjoni) kellu kull dritt li jaġixxi kontra l-*Housing Secretary* bħala sid il-post biex dan jikkonforma ruħu ma' l-obbligi minnu assunti skond il-liġi. Ir-Rikorrent ċertament ma kellux dritt li jieħu l-pussess tal-post f'idejh bil-mod kif għamel una volta li kien jaf li s-sid kien qiegħed jikkontestalu din il-pretenzjoni tiegħu kif fil-fatt għadu qiegħed jikkontestaha sallum. L-intimat ma aġixxiex *in buona fede* għaliex kien jaf li wara t-tieni applikazzjoni tiegħu ma kienx ġie la preallokat u lanqas allokat il-fond u ppussessa ruħu minn ċavetta mhux b'mod paċifiku u naturali imma bil-ħatfa;

Issa biex ir-Rikorrent ikun jista' jgħid li huwa kien ġie spussessat mill-fond "*de quo*" kif hemm allegat fir-Rikors Promotorju, u jkun jista' jgħid li kien ġie assoġġettat għat-trattament inuman, irid qabel xejn jipprova li huwa kellu l-pussess leġittimu ta' l-istess fond. F'dan il-każ, kien ir-Rikorrent li b'mod abużiv, illegali u klandestinament ħa l-pussess tal-fond "*de quo*" mingħand l-intimat Segretarju tad-Djar. Kull ma għamel l-intimat kien li kif sar jaf b'dann reġa' ħa lura dak li kien għandu qabel. Għalhekk kif sewwa qalet l-ewwel Qorti t-teħid tal-pussess tal-fond "*de quo*" lir-Rikorrent ma setax jikkostitwixxi ksur ta' drittijiet fundamentali kif pretiż mill-istess Rikorrent;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' David Smith u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-ismijiet premessi, fit-28 ta' Lulju 1989;

B'riżerva ta' kwalunkwe dritt jew azzjoni li jistgħu jispettaw lir-Rikorrent *si et quatenus*.